

32000R0983

L 113/36

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

12.5.2000

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 983/2000

tal-11 ta' Mejju 2000

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 20/98 li jipprovi regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2200/96 f'dak li jirrigwarda għajna lill-organizzazzjonijiet produtturi mogħtija għarfien preliminarju

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2200/96 tat-28 ta' Ottubru 1996 dwar l-organizzazzjoni komuni fis-suq tal-frott u l-ħxejjex⁽¹⁾, kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 1257/1999⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 48 tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 20/98⁽³⁾, kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 243/1999⁽⁴⁾, jipprovi regoli għall-għajna li għandha titħallas lill-organizzazzjonijiet produtturi mogħtija għarfien preliminari skond ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 478/97 tal-14 ta' Marzu 1997 li jipprovi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2200/96 f'dak li jirrigwarda għarfien preliminari ta' organizzazzjonijiet produtturi⁽⁵⁾, kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 243/1999.
- (2) Il-mod kif l-għajna tiġi ffinanzjata, kif imniżżel fl-Artikolu 52 tar-Regolament (KE) Nru 2200/96, kien emendat b'effett mill-1 ta' Jannar 2000 bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1257/1999 tas-17 ta' Mejju 1999 dwar is-sostenn ta' żvilupp rurali mill-Fond Ewropew ta' Garanzija u Gwida Agrikola (FAEGG) u li jemenda u jħassar ċerti regolamenti. Dik l-għajna għandha titqies fil-futur bħala intervent, maħsub biex tistabbilizza s-suq agrikolu skond it-tifsira ta' l-Artikolu 1(2)(b) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1258/1999 tas-17 ta' Mejju 1999 dwar il-finanzjament tal-politika agrikola komuni⁽⁶⁾.
- (3) Fiċ-ċirkostanzi, ir-Regolament (KE) Nru 20/98 għandu jiġi emendat biex jiġi aġġornat ma' din is-sitwazzjoni l-ġdida. L-emendi jirrelataw b'mod partikolari mal-eliġibbiltà ta' l-għajna għall-għarfien preliminari skond is-Sezzjoni ta' Garanzija tal-FAEGG, il-limitu ta' żmien għas-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet għall-għajna u l-ħlas tagħhom, id-deskrizzjonijiet ġodda tar-reġjuni li jikkwalifikaw għall-persentaġġi varji ta' ħlas biex daww id-deskrizzjonijiet jiġu aġġornati ma' daww imniżżla fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1260/1999 tal-21 ta' Ġunju 1999 li jipprovi dispożizzjonijiet ġenerali dwar

il-Fondi Strutturali⁽⁷⁾ u, fl-aħħar, l-obbligazzjonijiet ta' l-Istati Membri li jivverifikaw il-konformità mal-kondizzjonijiet tal-għoti tal-għajna.

- (4) Għandu jiġi ċċarat li dan ir-Regolament huwa biex japplika l-għajna mħallsa taħt il-pjani ta' għarfien aċċettati mill-1 ta' Jannar 2000 u għall-għajna mħallsa taħt pjani ta' għarfien aċċettati qabel l-1 ta' Jannar 2000 għall-perijodi annwali li jibdew mill-1 ta' Jannar 2000.
- (5) Il-miżuri li għalihom jipprovi dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat tat-Tmexxija tal-Frott u l-Ħxejjex,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (KE) Nru 20/98 qiegħed b'dan jiġi emendat kif ġej:

1. It-tielet inċiż ta' l-Artikolu 1(2)(d) qiegħed jitħassar.
2. L-Artikolu 2(2)(d) qiegħed jinbidel b'dan li ġej:

“(d) għandu jitħallas b'pagamenti annwali fit-tmiem ta' kull perijodu annwali għall-implimentazzjoni tal-pjan ta' għarfien. Biex jiġu kalkolati l-pagamenti annwali, l-Istati Membri jistgħu jużaw bażi ta' produzzjoni annwali mqiegħda fis-suq li tkun tikkorrispondi għall-perijodu annwali għajr dak li dwaru jitħallas il-pagament annwali, meta l-verifiki hekk jenħtieġu. Il-perijodu li bih il-perijodu annwali wżat jonqos li jikkoinċidi mal-perijodu annwali attwali konċernat għandu jkun ta' anqas minn 12-il xahar.”
3. It-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 3(1) qiegħed jinbidel b'dan li ġej:

“Investimenti li jstgħu jgħawwġu l-kompetizzjoni meta l-attivitajiet ekonomiċi l-oħra ta' l-organizzazzjoni huma konċernati għandhom jiġi esklużi.”
4. L-Artikolu 5 qiegħed jinbidel b'dan li ġej:

“Artikolu 5

 1. Kull organizzazzjoni ta' produtturi għandha tibgħat applikazzjoni unika għall-għajna li għaliha jirreferu l-Artikoli 2 u 3 fi żmien tliet xhur mit-tmiem ta' kull perijodu annwali li għalih jirreferi l-Artikolu 2(2)(d).

⁽¹⁾ ĠU L 297, tal-21.11.1996, p. 1

⁽²⁾ ĠU L 160, tas-26.6.1999, p. 80.

⁽³⁾ ĠU L 4, tat-8.1.1998, p. 40.

⁽⁴⁾ ĠU L 27, tat-2.2.1999, p. 8.

⁽⁵⁾ ĠU L 75, tal-15.3.1997, p. 4.

⁽⁶⁾ ĠU L 160, tas-26.6.1999, p. 103.

⁽⁷⁾ ĠU L 161, tas-26.6.1999, p. 1.

2. Kull applikazzjoni għall-ghajjnuna għandha tkun akkumpanjata b'dikjarazzjoni bil-miktub mill-organizzazzjoni tal-produtturi illi din ta' l-aħħar:
- tkun tikkonforma jew għandha tikkonforma mar-Regolamenti (KE) Nru 2200/96 u (KE) Nru 478/97 u ma' dan ir-Regolament,
 - ma tkunx ibbenefikat, ma' tkunx qiegħeda tibbenefika u ma tkunx sejra tibbenefika sew direttament jew indirettament minn finanzjament tal-Komunità jew nazzjonali duplikat għall-miżuri li dwarhom il-finanzjament tal-Komunità ingħata bis-saħħa ta' dan ir-Regolament.
3. L-Istati Membri għandhom iħallsu l-ghajjnuna fi żmien sitt xhur minn meta jirċievu applikazzjoni sħiħa.”
5. L-Artikolu 8 qiegħed jinbidel b'dan li ġej:
- “*Artikolu 8*
- Ħlasijiet minfuqa mill-Istati Membri dwar l-ghajjnuna li għaliha jirreferu l-Artikoli 2 u 3 għandhom jkkwalifikaw għall-ghajjnuna mis-Sezzjoni ta' Garanzija tal-FAEGG.”
6. L-Artikolu 9 qiegħed jinbidel b'dan li ġej:
- “*Artikolu 9*
- Il-kontribuzzjoni tal-Komunità lejn l-ghajjnuna li għaliha jirreferi l-Artikolu 2 għandha tkun tammonta għal:
- 75 % tan-nefqa pubblika eliġibbli dwar l-Oġġettivi tar-reġjuni 1 u 2 li għalihom jirreferi l-Artikolu 1 tar-Regolament (KE) Nru 1260/1999,
 - 50 % tan-nefqa pubblika eliġibbli fir-reġjuni l-oħra.”
7. L-Artikolu 10 qiegħed jinbidel b'dan li ġej:
- “*Artikolu 10*
1. Il-kontribuzzjoni tal-Komunità għall-ghajjnuna li għaliha jirreferi l-Artikolu 3, espressa skond l-għotja kapitali ekwivalenti, m'għandhix teċċedi, bħala peresentaġġ tan-nefqa ta' l-investment eliġibbli li għalihom jirreferi l-Artikolu 3:
- 50 % fl-Oġġettivi tar-reġjuni 1 u 2 li għalihom jirreferi l-Artikolu 1 tar-Regolament (KE) Nru 1260/1999,
 - 30 % fir-reġjuni l-oħra.
2. L-Istati Membri konċernati għandhom jintrabtu li jikkontribwixxu ta' l-anqas 5 % ta' l-ispejjeż ta' l-investment eliġibbli li għalihom jirreferi l-Artikolu 3.
3. Il-benefiċjarji ta' l-ghajjnuna lejn spejjeż ta' investment eliġibbli li għalihom jirreferi l-Artikolu 3 għandhom iħallsu ta' l-anqas:
- 25 % tal-Oġġettivi tar-reġjuni 1 u 2 li għalihom jirreferi l-Artikolu 1 tar-Regolament (KE) Nru 1260/1999,
 - 45 % fir-reġjuni l-oħra.”
8. L-Artikolu 11 qiegħed jinbidel b'dan li ġej:
- “*Artikolu 11*
- Mingħajr preġudizzju għall-verifiki mwettqa skond it-Titolu VI tar-Regolament (KE) Nru 2200/96, l-Istati Membri għandhom iwettqu verifiki fuq l-organizzazzjonijiet produtturi biex jivverifikaw il-konformità mal-kondizzjonijiet għall-għoti ta' ghajjnuna li għalihom jirreferu l-Artikoli 2 u 3.”
9. L-Artikolu 12 qiegħed jinbidel b'dan li ġej:
- “*Artikolu 12*
1. Meta verifika mwettqa skond l-Artikolu 11 tkun turi illi:
- il-valur ta' produzzjoni mqiegħda fis-suq tkun anqas mill-ammont użat għall-kalkolazzjoni tal-ghajjnuna li għaliha jirreferi l-Artikolu 2, jew
 - ghajjnuna koperta b'dan ir-Regolament ma tkunx intużat skond ir-regolamenti applikabbli jew bil-pjan ta' għarfien approvat,
- il-benefiċjarju għandu jkun meħtieġ li jħallas lura d-doppju ta' l-ammont imħallas debitament, miżjuda bl-imgħax għall-perijodu bejn il-ħlas u l-ħlas lura.
- Ir-rata ta' mgħax għandha tkun dik applikabbli mill-Bank Ċentrali Ewropew għall-operazzjonijiet tiegħu feuro, kif pubblikat fis-serje C tal-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*, fis-seħħ fid-data tal-ħlas indebitu miżjud bi tlett punti ta' persentaġġ.
2. Meta d-differenza bejn l-ghajjnuna attwalment imħallsa u dik dovuta tkun aktar minn 20 % ta' din ta' l-aħħar, il-benefiċjarju għandu jkun meħtieġ li jħallas lura l-ghajjnuna kollha li jkun rċieva, miżjuda bl-imgħax indikat fil-paragrafu 1.
3. Fil-każ ta' dikjarazzjoni falza magħmula xjentement jew bħala riżultat ta' negliġenza serja fuq xi materja fi ħdan l-iskop ta' dan ir-regolament, l-organizzazzjoni produttiva konċernata għandha tkun miżmuma mill-tirċievi ghajjnuna għaż-żmien li jibqa' mill-pjan ta' għarfien li jkun qiegħed jiġi implimentat.
4. Il-paragrafi 1, 2 u 3 għandhom japplikaw mingħajr preġudizzju għall-penalitajiet li għandhom jiġu ffissati skond kif jipprovdri l-Artikolu 48 tar-Regolament (KE) Nru 2200/96.”
- Artikolu 2*
- Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-seba' jum li jiġi wara dak li fih jiġi ppublikat fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.
- Għandu jkun japplika għall-ghajjnuna dwar il-pjani ta' għarfien aċċettati mill-1 ta' Jannar 2000 u għall-ghajjnuna mħallsa dwar il-perijodi annwali li jibdev wara l-1 ta' Jannar 2000 għall-pjani ta' għarfien aċċettati qabel l-1 ta' Jannar 2000.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fil-11 ta' Mejju 2000.

Għall-Kummissjoni
Franz FISCHLER
Membri tal-Kummissjoni
